15/11/2008	FBE 359	Yugo	Red	N/A	Derelict

Id-19 ta' Diċembru, 2008

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Postijiet ta' *Scientific Officer (Optometrist)* fil-Ministeru għall-Politika Soċjali (Dipartiment tas-Saħħa)

Skond klawsola 3.1 tal-Ftehim Kollettiv kurrenti, nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-postijiet ta' *Scientific Officer (Optometrist)* fil-Ministeru għall-Politika Soċjali (Dipartiment tas-Saħħa).

2. Il-post ta' *Scientific Officer (Optometrist)* għandu salarju ta' €14,186 fis-sena li jiżdied b'€407.67 fis-sena sa massimu ta' €16,632 (Skala ta' Salarju Nru. 10).

2.1. Persuna fil-grad ta' *Scientific Officer* titla' fi Skala ta' Salarju Nru. 9 b'salarju ta' €15,074 li jiżdied b'€447.17 fis-sena sa massimu ta' €17,757 wara sentejn, soġġetta għal servizz sodisfaċenti fil-grad ta' *Scientific Officer.*

2.2. Persuna fil-grad ta' *Scientific Officer* tiġi promossa għall-grad ta' *Senior Scientific Officer* fi Skala ta' Salarju Nru. 8 b'salarju ta' €16,050 fis-sena li jitla' b'żidiet ta' €486.83 fis-sena sa massimu ta' €18,971, soġġetta għal servizz sodisfaċenti wara li tagħmel għaxar snin fil-grad ta' *Scientific Officer* jew tmien snin jekk ikollha xi kwalifika xierqa ta' wara l-gradwazzjoni. Persuna fil-grad ta' *Senior Scientific Officer* titla' fi Skala ta' Salarju Nru. 7 b'salarju ta' €17,110 li jitla' b'żidiet ta' €531 fis-sena sa massimu ta' €20,296 wara sentejn servizz fil-grad, soġġett għal servizz sodisfaċenti.

2.3. Il-persuna nominata tkun intitolata għall-benefiċċji u soġġetta għall-kundizzjonijiet li jkunu mniżżlin fi kwalunkwe ftehim relevanti bejn il-Gvern u l-*Union* kompetenti.

3. Il-ħatra, li tkun bi prova għal sena, hija *full-time* u taqa' taħt ir-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta u fil-Ministeru għall-Politika Soċjali (Dipartiment tas-Saħħa). Il-persuna nominata tista' tiġi trasferita skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

19th December, 2008

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Posts of Scientific Officer (Optometrist) in the Ministry for Social Policy (Health)

In accordance with clause 3.1 of the current Collective Agreement, nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

The Public Service Commission invites applications for the posts of Scientific Officer (Optometrist) in the Ministry for Social Policy (Health).

2. The post of Scientific Officer (Optometrist) carries a salary of €14,186 per annum rising by annual increments of €407.67 up to a maximum of €16,632 (Salary Scale 10).

2.1. Subject to satisfactory performance, a Scientific Officer will move to Salary Scale No. 9 with a salary of €15,074 rising by annual increments of €447.17 up to a maximum of €17,757 on completion of two years service in the grade of Scientific Officer.

2.2. A Scientific Officer will be promoted to the grade of Senior Scientific Officer (Salary Scale 8) with a salary of €16,050 rising by annual increments of €486.83 up to a maximum of €18,971 on completion of ten years service in the grade of Scientific Officer or eight years if in possession of a recognised and appropriate postgraduate qualification, subject to satisfactory performance. A Senior Scientific Officer will progress to Salary Scale 7 with a salary of €17,110 rising by annual increments of €531 up to a maximum of €20,296 on completion of two years service in the grade subject to satisfactory performance.

2.3. The appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions and obligations as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government and the competent Union.

3. The appointment, which is subject to a probationary period of one year is on a full time basis and is subject to the rules governing from time to time the Malta Public Service and the Ministry for Social Policy (Health). It involves liability to transfer according to the exigencies of the Malta Public Service.

4. Id-dmirijiet ta' persuna fil-grad ta' *Scientific Officer (Optometrist)* jinkludu li :-

(a) tagħmel *refraction* bis-*cycloplegia* jew mingħajru;

(b) tkejjel il-pressjoni fil-għajn u tagħmel *fundoscopy;*

(ċ) tagħmel riċetti għan-nuċċalijiet, *contact lenses* jew *visual aids* oħra;

(d) tipprattika l-professjoni tagħha fil-kliniċi tal-Oftalmija tal-Isptar Mater Dei u tal-Isptar Ġenerali ta' Għawdex u fiċ-Ċentri tas-Saħħa.

(e) użu mis-sistemi tat-Teknoloġija tal-Informatika li jkunu qed jintużaw fil-Ministeru għall-Politika Soċjali (Dipartiment tas-Saħħa).

5. Il-persuna nominata ma tistax toħroġ riċetti għal kura ta' xi kundizzjoni fl-għajn iżda trid tirreferi każijiet bħal dawn lill-Oftalmologu kwalifikat għall-kura meħtieġa.

6. Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom:

a) (i) ikunu ċittadini ta' Malta;

JEW

(ii) ċittadini ta' Stat ieħor Membru tal-Unjoni Ewropea;

JEW

(iii) ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni (f'każ ta' diffikultà l-Ministeru tal-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-UE);

JEW

(iv) il-konjugi u tfal, anki jekk huma ċittadini ta' pajjiż terz, ta' dawk il-persuni msemmija f'(i), (ii) u (iii) hawn fuq, sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skond leġiżlazzjoni eżistenti. Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur, Dipartiment tac-Ċittadinanza u *Expatriates,* Ministeru tal-Affarijiet Barranin.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(ii), (iii) u (iv) hawn fuq hija soġġetta għall-ħruġ ta' liċenza tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn din hija meħtieġa skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja.

b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-Lingwa Maltija u bil-Lingwa Ingliża;

4. The duties of a Scientific Officer (Optometrist) include:

(a) carrying out refraction with or without cycloplegia;

(b) measuring intra ocular pressures and performing fundoscopy;

(c) issuing prescriptions for glasses, contact lenses or other visual aids;

(d) practising his/her profession within the Ophthalmic Clinics at the outpatients Department at Mater Dei Hospital and Gozo General Hospital and at the Health Centres.

(e) use of the Information Technology systems which may be in operation within the Ministry for Social Policy (Health).

5. The appointee will not be able to issue prescriptions for treatment of any ocular condition but should refer such cases to a qualified Ophthalmologist for necessary treatment.

6. By the closing time and date of this call for applications, applicants must:

a) (i) be citizens of Malta;

OR

(ii) citizens of another European Union Member State;

OR

(iii) citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (in case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply);

OR

(iv) the spouse and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (i), (ii) and (iii) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of the Director, Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry of Foreign Affairs.

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

b) have the ability to communicate in the Maltese and English Languages;

ċ) ikollhom ċertifikat li juri li huma rreġistrati bħala *Optometrist* mal-Kunsill għall-Professjonijiet Komplimentari għall-Mediċina (Malta);

d) ikollhom, jew għandhom l-approvazzjoni biex jingħataw lawrija rikonoxxuta fl-*Optometry* minn Università jew kwalifika oħra rikonoxxuta, komparabbli xierqa;

e) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47), filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew Awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati mal-Gvern Malti, u jagħtu d-dettalji).

7.1. Applikazzjonijiet jintlaqgħu wkoll mingħand kandidati li ma jkollhomx il-kwalifiki msemmija fil-paragrafu 6(d) hawn fuq iżda jissodisfaw il-kundizzjonijiet l-oħra msemmija f'paragrafi 6(a), (b) u (e) u jkollhom Livell Avvanzat (jew komparabbli) fi Grad A (jew ekwivalenti) fi tnejn minn dawn is-suġġetti: Bijoloġija, Matematika, Fiżika u Kimika flimkien ma' ħames suġġetti f'livell Ordinarju tal-GCSE (jew komparabbli) fi Grad Ċ (jew ekwivalenti). Dawn is-suġġetti jridu jinkludu l-Lingwa Ingliża, Matematika u *Dual Science*.

7.2. L-applikanti li jgħaddu taħt dan il-paragrafu jiġu kkunsidrati biss għall-post jekk ma jkunx hemm biżżejjed applikanti li jgħaddu taħt paragrafu 6(d).

7.3. L-applikanti magħżula taħt dan il-paragrafu jridu jmorru barra minn Malta kif u meta jkun meħtieġ biex isegwu kors ta' taħriġ ta' tliet snin li jwassal għall-*BSc degree* fl-*Optometry* u jsiru eliġibbli biss għan-nomina ta' *Scientific Officer (Optometrist)* wara li jkunu temmew b'suċċess il-kors tal-istudji tagħhom, wara il-wasla tagħhom f'Malta u wara li jkunu kisbu iċ-Ċertifikat ta' reġistrazzjoni bħala *Optometrist* msemmi f'paragrafu 6(ċ) hawn fuq.

7.4. Il-kandidati magħżula biex jagħmlu l-kors ta' taħriġ ikunu marbuta bir-regoli kif kontemplati fil-*Public Service Management Code*.

8.1. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond l-Artikolu 7 tal-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri tal-eliġibbiltà għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-Management and Personnel Office u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

c) be in possession of a certificate of registration as Optometrist with the Council for Professions Complementary to Medicine (Malta);

d) be in possession, or have been approved for the award, of a recognised University degree in Optometry or another appropriate recognised comparable qualification;

e) be of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP47); Those applying from outside the Malta Public Service must produce a recent certificate of conduct issued by the Police or other competent Authority not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in the Maltese Government Service giving details).

7.1. Applications will also be considered from candidates who do not possess the qualifications mentioned in paragraph 6(d) above but satisfy the other conditions of paragraphs 6(a), (b) and (e) and who possess Advanced Level passes (or comparable) at Grade A (or equivalent) in two of these subjects: Biology, Mathematics, Physics and Chemistry supported by five Grade C GCSE passes (or equivalent) at Ordinary Level (or comparable). These must include English Language, Mathematics and Dual Science.

7.2. Successful applicants under this paragraph will only be considered for the post if there are not enough suitable candidates who qualify under paragraph 6(d).

7.3. Applicants selected under this paragraph must proceed abroad as and when required to follow a three-year course leading to the attainment of a BSc degree in Optometry and will only become eligible for appointment as Scientific Officer (Optometrist) on the successful completion of their studies, on their return to Malta and on obtaining the certificate of registration as Optometrist indicated at paragraph 6(c) above.

7.4. Applicants proceeding abroad to follow courses will be bound by the relevant conditions laid down in the Public Service Management Code.

8.1. Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

8.2. Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola tal-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni tal-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha tal-eliġibbiltà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lill-Ministeru għall-Politika Soċjali (Dipartiment tas-Saħħa) u tkun ikkupjata lill-KNPD.

8.2. Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Ministry for Social Policy (Health) and copied to the NCPD.

9. Applikanti li jiġu magħżula taħt paragrafu 7 u li mhumiex Uffiċjali Pubbliċi jiġu ngaġġati bħala *trainee Scientific Officers (Optometrist)* u jitħallsu *allowance* ta' €7,545 fis-sena sakemm ikunu maħtura *Scientific Officers (Optometrist)*.

9. Any applicants selected under paragraph 7 who are not public officers will be engaged as trainee Scientific Officers (Optometrist) and paid an allowance of €7,545 per annum until they are appointed Scientific Officers (Optometrist)

10.1. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti, illi kopja tagħhom għandha tkun jew mehmuża mal-applikazzjoni jew jintbagħtu separatament lill-Ministeru għall-Politika Soċjali (Dipartiment tas-Saħħa) mhux aktar tard minn għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-għeluq. Kopji mgħoddija bl-i*scanner* huma aċċettabbli.

10.1. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which should either be attached to the application or sent separately to the Ministry for Social Policy (Health) by not later than ten (10) working days from the closing date. Scanned copies sent electronically are acceptable.

10.2. Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

10.2. Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

10.3. Hija r-responsabbiltà ta' applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet barranin/istituzzjonijiet terzjarji, li juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-komparabbiltà ta' kwalifiki maħruġa mill-Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) fil-Ministeru tal-Edukazzjoni, Kultura, Żgħażagħ u *Sport* jew l-awtorità kompetenti, skond il-każ, liema dikjarazzjoni għandha tiġi mehmuża mal-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx din id-dikjarazzjoni jkunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibagħtu kopja tad-dikjarazzjoni, maħruġa mill-awtorità pertinenti, lid-dipartiment riċeventi kif tkun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, mhux aktar tard minn xahar mid-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

10.3. It is the responsibility of applicants, in possession of qualifications awarded by foreign Universities/tertiary education institutions, to produce a recognition statement on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education, Culture, Youth and Sport or the designated authority, as applicable, which statement should be attached to the application and the original presented at the interview. Candidates not in possession of this statement may still apply, provided that they submit a copy of the statement, issued by the pertinent authority, to the receiving department as soon as available and, in any case, by not later than one month from the closing date of the call for applications.

11.1. Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għall-post.

11.1. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post.

11.2. Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tippubblika r-riżultat tal-intervisti. Ir-riżultat jiġi esebit fuq in-*notice-board* tal-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dik tal-Ministeru għall-Politika Soċjali (Dipartiment tas-Saħħa).

11.2. The result of the interviews will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice-board of the Office of the Public Service Commission and that of the Ministry for Social Policy (Health).

11.3. Avviż dwar il-ħruġ tar-riżultat jiġi ppubblikat

11.3. A notification of the issue of the result will be duly

fil-Gazzetta tal-Gvern u jitniżżel ukoll mill-*website* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fuq http://www.psc.gov.mt. Joħroġ ukoll avviż fil-*media* lokali.

11.4. Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-Public Service Management Code għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni tal-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

12. Il-kandidati magħżula jkunu jridu joqogħdu għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li huma adatti għal dan il-post.

13. Il-formoli tal-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites:*

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf

http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf

http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

jew jinkisbu mit-Taqsima tal-Impjegati (Dipartiment tas-Saħħa), 6, Sqaq Harper, il-Furjana.

14. L-applikazzjonijiet flimkien ma' *curriculum vitae* li għandha tinkludi kwalifiki u esperjenza jintlaqgħu primarjament mill-Assistent Direttur, Riżorsi Umani, (Dipartiment tas-Saħħa), 6, Sqaq Harper, il-Furjana, mhux aktar tard min-nofsinhar (Ħin tal-Ewropa Ċentrali) ta' nhar il-Ġimgħa, is-16 ta' Jannar 2009.

15. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sa nofsinhar (Ħin tal-Ewropa Ċentrali) ta' nhar il-Ġimgħa, is-16 ta' Jannar 2009 jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant/a trid tasal għand il-Ministeru għall-Politika Soċjali (Dipartiment tas-Saħħa) mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numri tal-*fax* tal-Ministeru għall-Politika Soċjali (Dipartiment tas-Saħħa) huma +356-21226285 u +356 - 21235890.

16. Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal sal-Ministeru għall-Politika Soċjali (Dipartiment tas-Saħħa). Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu reġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data tal-għeluq. Il-Ministeru għall-Politika Soċjali (Dipartiment tas-Saħħa) jibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

Id-19 ta' Diċembru, 2008

published in the Government Gazette and will also appear on the website of the PSC where it may be accessed at http://www.psc.gov.mt. A press notice will also be issued to all local media organisations.

11.4. Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of publication of the notice in the Government Gazette.

12. The selected candidates will be medically examined to ascertain that they are fit for the post.

13. Application forms may either be downloaded from the following websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf

http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf

http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

or obtained from the, Personnel Section (Health), 6, Harper Lane, Floriana.

14. Applications, together with a curriculum vitae indicating qualifications and experience, will be received in the first instance by the Assistant Director, Human Resources (Health), 6, Harper Lane, Floriana by not later than noon (Central European Time) of Friday, 16th January 2009.

15. Applications received from abroad through a fax or other similar message by noon (Central European Time) of Friday, 16th January 2009 may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Ministry for Social Policy (Health) by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax numbers of the Ministry for Social Policy (Health) are +356 – 21226285 and +356 - 21235890.

16. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Ministry for Social Policy (Health) and a receipt will be given in hand at the time of delivery. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Ministry for Social Policy (Health) within seven days.

19th December, 2008

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Postijiet ta' Prokuratur Legali
Fit-Taqsima Proprjetà tal-Gvern

**Skont klawsola 3.1 tal-Ftehim Kollettiv kurrenti, nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.*

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-postijiet ta' Prokuratur Legali, fit-Taqsima Proprjetà tal-Gvern, Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment.

2.1 Il-post ta' Prokuratur Legali għandu salarju fl-2009 ta' €14,920 fis-sena, li jiżdied b'€407.67 kull sena sa massimu ta' €17,366 (skala ta' salarju 10).

2.2 Il-persuna nominata tkun intitolata għall-benefiċċji l-oħra u soġġetta għall-kundizzjonijiet l-oħra stabbiliti bejn il-Gvern ta' Malta u l-*Unions* kompetenti.

3.1 Il-ħatra, li tkun bi prova għal sena, hija fuq bażi *full-time* u taqa' taħt ir-regoli u regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta b'mod ġenerali, u t-Taqsima Proprjetà tal-Gvern b'mod partikolari. Il-persuna nominata tista' tiġi trasferita skont l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

3.2 Il-persuni nominati ma jitħallewx jipprattikaw il-professjoni tagħhom privatament.

4. Il-persuni nominati bħala Prokuratur Legali jkunu meħtieġa li jipprattikaw il-professjoni tagħhom fit-Taqsima Proprjetà tal-Gvern taħt id-direzzjoni ta' uffiċjali anzjani.

5. Id-dmirijiet ta' Prokuratur Legali jinkludu:

a. Xogħol li għandu x'jaqsam mal-preparazzjoni u preżentazzjoni ta' Atti Ġudizzjarji fejn id-Direttur tal-Artijiet huwa parti;

b. Attendenza bħala rappreżentant/a tad-Direttur tal-Artijiet fil-Qorti u waqt aċċessi;

c. Preparazzjoni tad-Dikjarazzjoni tal-President skont l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal skopijiet Pubbliċi (Kap. 88);

d. Xogħol ieħor relatat skont ma jkun meħtieġ dwar preparazzjoni u eżami ta' riċerki biex jiġu stabbiliti titoli ta' art li l-Gvern jakkwista jew akkwista, kif ukoll il-preparazzjoni ta' kwalunkwe dokumenti legali konnessi, inkluż dokumenti legali għar-Reġistru Pubbliku/Reġistru tal-Artijiet.

e. Prattika tal-professjoni f'materji ta' rutina u materji konnessi ma' liġijiet dwar proprjetà.

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Posts of Legal Procurator
at the Government Property Division

**In accordance with clause 3.1 of the current Collective Agreement, nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.*

The Public Service Commission invites applications for the posts of Legal Procurator at the Government Property Division, Ministry of Finance, the Economy and Investment.

2.1 The salary for the post of Legal Procurator in 2009 will be €14,920 per annum rising by annual increments of €407.67 up to a maximum of €17,366 (Salary Scale10).

2.2 The appointees will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions as may be stipulated in any pertinent agreement between the Malta Government and the competent Unions.

3.1 The appointment, which is subject to a probationary period of one year, is on a full time basis and is subject to any rules and regulations governing from time to time the Malta Public Service in general and the Government Property Division in particular, and involves liability to transfer according to the exigencies of the Malta Public Service.

3.2 The appointees will not be allowed to perform the private practice of his/her profession.

4. A Legal Procurator will be required to exercise his/her profession at the Government Property Division under the general direction of senior officers.

5. The duties of Legal Procurator include:

a. work connected with the drafting and filing in Court of Judicial Acts where the Director of Land is a party;

b. representing the Director Land, Government Property Division, at Court sittings and site inspections;

c. drafting of President's Declarations under the Land Acquisition Ordinance (Cap. 88);

d. carrying out such ancillary work as may be required for the preparation and examination of researches in order to establish the root of title of land acquired by Government and the drafting of any legal documents connected thereto, including preparation of documentation for the Public Registry/Land Registry;

e. exercising his/her profession in matters of a routine nature and in matters relating to laws concerning property;

f. Koordinazzjoni mal-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali.

6.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom:

a) i) ikunu ċittadini ta' Malta;

JEW

ii) ikunu ċittadini ta' Stat ieħor Membru tal-Unjoni Ewropea;

JEW

iii) ikunu ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni; (f'każ ta' diffikultà l-Ministeru tal-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-UE);

JEW

iv) ikunu l-konjugi u tfal, anke jekk huma ċittadini ta' pajjiż terz, ta' dawk il-persuni msemmija f'(i), (ii) u (iii) hawn fuq, sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skont leġislazzjoni eżistenti. Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur, Dipartiment tac-Ċittadinanza u *Expatriates*, Ministeru tal-Affarijiet Barranin.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(ii), (iii) u (iv) hawn fuq hija soġġetta għall-ħruġ ta' liċenza tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn din hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġislazzjoni sussidjarja.

b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u bil-lingwa Ingliża;

c) i) ikollhom il-warrant biex jipprattikaw il-professjoni ta' Prokuratur Legali f'Malta;

JEW

ii) ikollhom il-kwalifiki akkademiċi biex jieħdu dan il-*warrant*;

d) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li huma impjegati mas-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47); dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku ta' Malta għandhom jippreżentaw Ċertifikat tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awtorità oħra kompetenti mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, kif ukoll jgħidu jekk qatt kinux jaħdmu mal-Gvern ta' Malta, u jagħtu d-dettalji).

6.2 L-applikanti li jgħaddu taħt paragrafu 6.1 (ċ)(ii) jiġu kkunsidrati biss jekk ma jkunx hemm biżżejjed applikanti

f. liaising with the Office of the Attorney General.

6.1 By the closing date and time of the call for applications, applicants must:

a) i. be citizens of Malta;

OR

ii. be citizens of another European Union Member State;

OR

iii. be citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply; (in case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply);

OR

iv. be the spouse of, and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (i), (ii) and (iii) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of the Director, Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry of Foreign Affairs.

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

b) have the ability to communicate in the Maltese and English languages;

c) i. be in possession of the warrant to practice the profession of Legal Procurator in Malta;

OR

ii. be persons having the academic qualifications to obtain such warrant;

d) be of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside the Malta Public Service must produce a Certificate of Conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in the Malta Government Service, giving details).

6.2 Successful applicants under paragraph 6.1 (c)(ii) will only be considered if there are not enough suitable

taħt paragrafu 6.1 (ċ)(i). Barra minn hekk, dawn il-persuni jingħataw il-ħatra biss meta jiksbu l-warrant biex jipprattikaw bħala Prokuratur Legali f'Malta u sakemm jifdal vakanzi.

7.1 Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNDP) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skont l-Artikolu 7 tal-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità) (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri tal-eliġibbilità għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-*Management and Personnel Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

7.2 Is-sottomissjonijiet skont din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola tal-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni tal-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha tal-eliġibbiltà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lit-Taqsima riċeventi u tkun ikkupjata lill-KNPD.

8.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati/jew dokumenti illi kopja tagħhom għandha tkun mehmuża mal-applikazzjoni jew jintbagħtu separatament lid-Dipartiment konċernat mhux aktar tard minn għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-għeluq. Kopji mgħoddija bl-i*scanner* huma aċċettabbli.

8.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

8.3 Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet barranin/istituzzjonijiet terzjarji li juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-komparabbiltà ta' kwalifiki maħruġa mill-Malta *Qualifications Recognition Information Centre* (MQRIC) fil-Ministeru tal-Edukazzjoni, Kultura, Żgħażagħ u Sport jew l-awtorità kompetenti, skont il-każ, liema dikjarazzjoni għandha tiġi mehmuża mal-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx din id-dikjarazzjoni jkunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibagħtu kopja tad-dikjarazzjoni, maħruġa mill-awtorità pertinenti, lid-dipartiment riċeventi kif tkun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkostanza, mhux aktar tard minn xahar mid-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

9.1 Bord tal-Għażla jintervista lill-applikanti eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għal dan il-post.

9.2 Ir-riżultat tal-intervisti jiġi ppubblikat mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u jiġi esebit fuq in-

applicants under paragraph 6.1 (c)(i). Such successful applicants, moreover, will only be appointed when they obtain the warrant to practice as Legal Procurator in Malta and provided that vacancies are still available.

7.1 Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article4 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

7.2 Representation in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents, which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given to substantiate the lack of eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the receiving department and copied to NCPD.

8.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which should either be attached to the application or sent separately to the receiving Department by not later than ten (10) working days from the closing date. Scanned copies sent electronically are acceptable.

8.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

8.3 It is the responsibility of applicants, in possession of qualifications awarded by foreign universities/tertiary education institutions, to produce a recognition statement on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education, Culture, Youth and Sport or the designated authority, as applicable, which statement should be attached to the application and the original presented at the interview. Candidates not in possession of this statement may still apply, provided that they submit a copy of the statement issued by the pertinent authority, to the receiving department as soon as available and, in any case, by not later than one month from the closing date of the call for applications.

9.1 Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post.

9.2 The result of the interviews will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice

notice-board tal-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dik tat-Taqsima Proprjetà tal-Gvern.

9.3 Avviż dwar il-ħruġ tar-riżultat jiġi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern u jitniżżel ukoll mill-*website* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fuq http://www.psc.gov.mt. Joħroġ ukoll avviż fil-*media* lokali.

9.4 Petizzjonijiet dwar oġġezzjonijiet għar-riżultat skont Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart (10) ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni tal-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

10. Il-persuna magħżula tkun trid toqgħod għall-eżami mediku biex jiġi aċċertat li hi adatta għal dan il-post.

11. Il-formoli tal-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf

jew jinkisbu mingħand it-Taqsima tal-*Personnel*, Taqsima Proprjetà tal-Gvern, Berġa tal-Baviera, Valletta.

12. L-applikazzjonijiet flimkien ma' *curriculum vitae* li jindika l-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha, jintlaqgħu primarjament mid-Direttur Ġenerali, Taqsima Proprjetà tal-Gvern, Berġa tal-Baviera, Triq San Bastjan, Valletta VLT 2000, sa mhux aktar tard minn nofsinhar (Ħin tal-Ewropa Ċentrali) ta' nhar il-Ġimgħa, 16 ta' Jannar 2009.

13. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew xi messaġġ ieħor simili sa nofsinhar (Ħin tal-Ewropa Ċentrali) ta' nhar il-Ġimgħa, 16 ta' Jannar 2009 jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant/a trid tasal għand id-Direttur Ġenerali, Taqsima Proprjetà tal-Gvern, sa mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data tal-għeluq flimkien ma' spjegazzjoni għad-dewmien. (In-numru tal-fax tat-Taqsima huwa +356 21234925.)

14. (a) Tingħata riċevuta minnufih mid-Direttur Ġenerali, Taqsima Proprjetà tal-Gvern, għal kull applikazzjoni li titwassal bl-idejn fit-Taqsima Proprjetà tal-Gvern.

(b) Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi sad-data tal-għeluq. Tintbagħat irċevuta mid-Direttur Ġenerali, Taqsima Proprjetà tal-Gvern, fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

Id-19 ta' Diċembru, 2008

board of the Office of the Public Service Commission and that of the Government Property Division.

9.3 A notification of the issue of the result will be duly published in the Government Gazette and will also appear on the website of the Public Service Commission where it may be accessed at: http://www.psc.gov.mt. A press notice will also be issued to all local media organisations.

9.4 Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of publication of the notice in the Government Gazette.

10. The selected applicant will be medically examined to ascertain that he/she is fit for the post.

11. Application forms may be downloaded from the following websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf

or obtained from the Personnel Section, Government Property Division, Auberge de Bavière, Valletta.

12. Applications, together with a curriculum vitae including qualifications and experience will be received in the first instance by the Director General, Government Property Division, Auberge de Bavière, St Sebastian Street, Valletta VLT 2000, by not later than noon (Central European Time) of Friday, 16th January 2009.

13. Applications received from abroad through a fax, or other similar message by noon (Central European Time) of Friday, 16th January 2009 may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Director General, Government Property Division by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. (The fax number of the Division is +356 – 21234925).

14. (a) Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Director General, Government Property Division and a receipt will be given at the time of delivery.

(b) Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. Applications will be acknowledged in writing by the Director General, Government Property Division within seven (7) days.

19th December, 2008

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Pożizzjoni ta' *Accountant* fil-Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment

**Skond klawsola 3.1 tal-Ftehim Kollettiv kurrenti, nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil*

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' *Accountant* fil-Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment sabiex jinqdew dmirijiet fl-*Accountancy Board*.

2.1 Il-persuna magħżula tkun mistennija li tidħol f'*assignment* ta' sitta u tletin (36) xahar bħala *Accountant* fil-Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment. Persuna li ma tkunx tat sehem sodisfaċenti bħala *Accountant* matul il-perjodu tal-*assignment* ikollha l-*assignment* tagħha terminat. Barra minnhekk, din il-pożizzjoni taqa' taħt Regolament 7(4)(d) tal-Avviż Legali 51/2007 kif sostitwit b'Regolament 3(b)(4)(c) tal-Avviż Legali 239/2008.

2.2 Jekk persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku fis-Servizz Pubbliku ta' Malta li għandha grad sostantiv fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, hija żżomm il-grad sostantiv tagħha waqt il-perjodu tal-*assignment* u terġa' lura għal dan il-grad sostantiv meta l-*assignment* jintemm. Fil-każ li l-persuna magħżula ma tkunx Uffiċjal Pubbliku fis-Servizz Pubbliku ta' Malta li għandha grad sostantiv fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, l-impieg tagħha mal-Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment kif ukoll mal-Gvern ta' Malta jintemm f'każ li jiġi terminat l-*assignment*.

2.3 Jekk il-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku li għandha ħatra sustantiva fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, u waqt il-perjodu tal-*assignment*, tinħatar fi grad bi Skala ta' Salarju ogħla minn Skala 6, hija tkun meħtieġa li tħalli d-doveri ta' *Accountant* u tkun trasferita għal doveri li jikkorrispondu mal-grad il-ġdid tagħha. Iżda, jekk is-salarju sustantiv ta' persuna magħżula jitla' għal aktar mill-massimu ta' Skala 6 permezz ta' *progression*, il-persuna titħalla tkompli l-perjodu tal-ingaġġ tagħha kif provdut bl-*assignment* fis-seħħ.

3.1 Is-salarju għal din il-pożizzjoni huwa ekwivalenti għall-massimu ta' Skala 6 (€22,868 fl-2009). Għall-fini tal-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet (Kap. 93), id-differenza bejn is-salarju dovut għall-grad sostantiv (fejn applikabbli) tal-persuna u s-salarju dovut għall-pożizzjoni, titħallas bħala *non-pensionable allowance,* f'każ li l-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku bi grad sostantiv fis-Servizz Pubbliku ta' Malta.

3.2 Minħabba n-natura speċjali tad-dmirijiet marbuta ma' din il-pożizzjoni, il-kandidati magħżula jkunu wkoll

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Position of Accountant in the Ministry of Finance, the Economy and Investment

**In accordance with clause 3.1 of the current Collective Agreement, nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.*

The Public Service Commission invites applications for the position of Accountant in the Ministry of Finance, the Economy and Investment to carry out duties with the Accountancy Board.

1.1. The selected candidate will enter into a thirty-six (36) month assignment as Accountant in the Ministry of Finance, the Economy and Investment. Unsatisfactory performance as Accountant during the assignment period will lead to termination of the assignment. Moreover, this is an assignment covered by Regulation 7(4)(d) of Legal Notice 51/2007 as substituted by Regulation 3(b)(4)(c) of Legal Notice 239/2008.

1.2. If a selected candidate is a Public Officer holding a substantive appointment in the Malta Public Service, he/she will retain his/her substantive grade during the assignment period and will revert to his/her substantive grade on the termination of the assignment. In the case of a selected candidate who is not a Public Officer in the Malta Public Service, his/her employment with the Ministry of Finance, the Economy and Investment as well as with the Maltese Government will be discontinued in case of termination of the assignment.

2.3 If a selected candidate is a Public Officer holding a substantive appointment in the Malta Public Service, and during the assignment period, is appointed to a grade with a Salary Scale higher than Scale 6, he/she will be required to relinquish the duties of Accountant and be transferred to duties pertinent to his/her new grade. However, if the substantive salary of a selected officer becomes higher than the maximum of Scale 6 through progression, he/she will be allowed to complete his/her term of engagement as provided by the assignment in force.

1.1 The salary attached to the position of Accountant is equivalent to the maximum of Salary Scale 6 (€22,868 in 2009). For the purpose of the Pensions Ordinance (Cap. 93), the difference between the salary to which the selected officer is entitled by virtue of his/her substantive grade (where applicable) and the salary of the position will be paid as a non-pensionable allowance, in case he/she is a Public Officer holding a substantive grade in the Malta Public Service.

1.2 In view of the special nature of the duties involved, the appointee will also be entitled to a disturbance allowance

intitolati għal *Disturbance Allowance* ta' 15% tas-salarju għal-xogħol maħdum regolarment wara l-ħin, li f'ċirkostanzi eċċezzjonali u bi qbil minn qabel mas-Segretarju Permanent fi ħdan il-Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment tista' titla' sa 25% tas-salarju tal-Uffiċjal Pubbliku pro-rata għall-perjodu ta' xogħol straordinarju.

3.3 Persuna ingaġġata fil-pożizzjoni ta' *Accountant* hi wkoll intitolata għal dawn il-benefiċċji:

(a) allowance għall-karozza/petrol ta' bejn €1,398 u €2,795 fis-sena għal użu tal-karozza privata tagħha pagabbli fi tlettax il-parti, kull erba' ġimgħat;

(b) ħlas ta' *performance bonus* sa 10% tas-salarju bażiku tagħhom, soġġett għal riżultat sodisfaċenti.

3.4 Barra s-salarju u l-*allowances* imsemmija, il-persuni maħtura jirċievu l-*income supplement* u l-*bonus* tal-Millied u ta' nofs is-sena. Barra minn hekk, is-salarju bażiku jiżdied b'aġġustamenti għall-għoli tal-ħajja skont kif jitħabbar fid-diskors tal-*Budget*.

3.5 Skont il-bżonn u meta mitluba l-persuna impjegata b'*assignment* tintrabat li taħdem aktar sigħat minn dawk stipulati fir-Regolamenti tas-Servizz Pubbliku u ma tkunx intitolata għall-ħlas addizzjonali jew xi benefiċċju għas-sigħat żejda li tkun meħtieġa taħdem.

4. Persuna fil-pożizzjoni ta' *Accountant* tkun meħtieġa, *inter alia*, li tagħmel żjarat ta' sorveljanza fuq l-operat ta' *practitioners* u ditti ta' *Accountancy* u *Audit,* tikteb rapporti fuq iż-żjarat, tagħmel riċerka fuq suġġetti tekniċi, u tkun ukoll responsabbli biex tagħmel, skont il-bżonn, xogħol amministrattiv. Persuna f'dil-pożizzjoni tista' tkun meħtieġa li tieħu sehem f'laqgħat kemm f'Malta kif ukoll barra minn Malta.

5.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom:

i. ikunu ċittadini ta' Malta;

ii. ikollhom lawrija *Honours* rikonoxxuta, jew kwalifika xierqa, rikonoxxuta, komparabbli, fl-*Accountancy* u jkollhom il-*Practising Certificate* fl-*Audit* maħruġ mill-*Accountancy Board* ta' Malta, jew ikollhom konferma bil-miktub mingħand dan l-istess *Board* li huma jissodisfaw ir-rekwiżiti statutorji relativi meħtieġa għall-pussess tat-tali Ċertifikat, kif ukoll erba' (4) snin esperjenza ta' xogħol fl-awditjar;

iii. ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47); filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku

of up to 15% of their salary for work performed regularly after office hours, which in exceptional circumstances and with the prior approval of the Permanent Secretary, Ministry of Finance, the Economy and Investment, may be extended up to 25% of the officer's salary pro-rata to the period of extraordinary work.

1.3 The selected candidate will also be entitled to the following benefits:

(a) car/petrol allowance of between €1,398 and €2,795 per annum for use of his/her private car payable in thirteen four-weekly instalments;

(b) the payment of a performance bonus, subject to satisfactory performance, of up to 10% of his/her basic salary.

(d) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47); filwaqt li dawk li japplikaw minn barra is-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw Ċertifikat tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija jew minn awtorità kompetenti oħra mhux aktar tard minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa u jindikaw jekk qatt kinux impjegati mal-Gvern ta' Malta, u jagħtu d-dettalji).

5.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lil dawk l-applikanti li jkunu jafu lingwi uffiċjali oħra tal-UE.

6.1 Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond l-Artikolu 7 tal-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilita`), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibbiltà għall-pożizzjoni. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-pożizzjoni fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-*Management and Personnel Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

6.2 Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola tal-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni tal-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma' jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibbiltà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi ndirizzata lid-Dipartiment tar-Resourcing u tkun ikkupjata lill-KNPD.

7.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti, illi kopja tagħhom għandha tkun jew mehmuża mal-applikazzjoni jew jintbagħtu separatament lid-Dipartiment konċernat mhux aktar tard minn għaxart ijiem ta' xogħol mid-data ta' l-għeluq. Kopji mgħoddija bl-i*scanner* huma aċċettabbli.

the Director, Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry of Foreign Affairs;

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

(b) able to communicate in the Maltese and English languages;

(c) in possession of, or have been approved for the award of, a relevant, recognised first Degree or a recognized, appropriate, comparable qualification;

(d) of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside the Malta Public Service must produce a recent Certificate of Conduct issued by the Police or another competent authority not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in the Malta Government Service, giving details).

5.2 Due consideration will be given to candidates who possess knowledge of other EU official languages.

6.1 Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this position provided they can carry out, in essence, the duties related to the position and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

6.2 Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Resourcing Department and copied to the NCPD.

7.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which should either be attached to the application or sent separately to the receiving Department by not later than ten (10) working days from the closing date. Scanned copies sent electronically are acceptable.

7.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

7.3. Hija r-responsabbiltà ta' applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet barranin/istituzzjonijiet terzjarji, li juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-komparabbiltà ta' kwalifiki maħruġa mill-Malta *Qualifications Recognition Information Centre* (MQRIC) fil-Ministeru tal-Edukazzjoni, Kultura, Żgħażagħ u Sport jew l-awtorità kompetenti, skond il-każ, liema dikjarazzjoni għandha tiġi mehmuża mal-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx din id-dikjarazzjoni ikunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibgħatu kopja tad-dikjarazzjoni, maħruġa mill-awtorità pertinenti, lid-dipartiment riċeventi kif tkun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkostanza, mhux aktar tard minn xahar mid-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

8.1 L-applikanti eliġibbli jkunu jridu joqogħdu għal intervista minn Bord tal-Għażla biex jiġi aċċertat li huma adatti għal din il-pożizzjoni.

8.2 Ir-riżultat tal-intervisti jiġi ppubblikat mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u jiġi esebit fuq in-*notice-board* tal-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u tal-Uffiċċju tal-Prim Ministru. Ir-riżultat ikun validu għal sentejn.

8.3 Avviż dwar il-ħruġ tar-riżultat jiġi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern u jitniżżel ukoll mill-*website* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fuq http://www.psc.gov.mt. Joħroġ ukoll avviż fil-*media* lokali.

8.4 Oġġezzjonijiet għar-rizultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni tal-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

9. Il-persuni magħżula jridu jkunu lesti li jsiefru spiss fuq xogħol skond il-bżonn.

10. Il-persuni magħżula jkunu mistennija jaħdmu ġimgħa ta' erbgħin siegħa, għalkemm l-esiġenzi tax-xogħol jistgħu jinħtieġu aktar ħin jew ħinijiet irregolari.

11. Malli jkunu ingaġġati, il-persuni magħżula jintrabtu bil-kundizzjonijiet, kif aġġornati minn żmien għal żmien, stipulati fil-*Public Service Management Code* u bil-kundizzjonijiet stipulati fil-ftehim li jirregola l-ingaġġ

7.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

7.3 It is the responsibility of applicants, in possession of qualifications awarded by foreign Universities/tertiary education institutions, to produce a recognition statement on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education, Culture, Youth and Employment or the designated authority, as applicable, which statement should be attached to the application and the original presented at the interview. Candidates not in possession of this statement may still apply, provided that they submit a copy of the statement, issued by the pertinent authority, to the receiving department as soon as available and, in any case, by not later than one month from the closing date of the call for applications.

8.1 Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the positions.

8.2 The result of the interviews will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice board of the Office of the Public Service Commission and that of the Office of the Prime Minister. The validity of the result will be for a period of two years.

8.3 A notification of the issue of the result will be duly published in the Government Gazette and will also appear on the website of the Public Service Commission where it may be accessed at http://www.psc.gov.mt. A press notice will also be issued to all local media organisations.

8.4 Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of the publication of the notice in the Government Gazette.

9. The selected applicants must be willing to travel frequently abroad.

10. Selected applicants will generally be expected to work on a 40-hour week basis, although exigencies of the position may require working additional or irregular hours.

11. On engagement, the selected applicants will be bound by the terms and conditions, as updated from time to time, stipulated in the Public Service Management Code accessible from the Management and Personnel Office

tagħhom. Il-*Public Service Management Code* jinsab fuq il-*website* tal-*Management and Personnel Office* fl-indirizz:- http://www.mpo.gov.mt.

12. Il-persuni magħżula jkunu jridu joqogħdu għal eżami mediku biex jigi assigurat li huma adatti għal dawn il-pożizzjonijiet.

13. Uħud mill-pożizzjonijiet jistgħu jkunu ko-finanzjati mit-*technical assistance budgets* tal-Programmi tal-Fondi tal-Politika ta' Koeżjoni tal-UE 2007 – 2013.

14. Il-formoli tal-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:-

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf

http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf

jew jinkisbu mingħand id-Direttur (*Resourcing*), *Management and Personnel Office*, Uffiċċju tal-Prim Ministru, Berġa ta' Kastilja, Valletta.

15. L-applikazzjonijiet flimkien mal-*curriculum vitae* li għandha tinkludi l-kwalifiki u esperjenza, jintlaqgħu primarjament mid-Direttur (*Resourcing*) *Management and Personnel Office*, Uffiċċju tal-Prim Ministru, Berġa ta' Kastilja, Valletta, sa mhux aktar tard minn nofsinhar (Ħin tal-Ewropa Ċentrali) ta' nhar il-Ġimgħa, 16 ta' Jannar 2009.

16. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew xi messaġġ ieħor simili sa nofsinhar (Ħin tal-Ewropa Ċentrali) ta' nhar il-Ġimgħa, 16 ta' Jannar 2009 jiġu kkunsidrati, basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. Il-formola tal-applikazzjoni ffirmata mill-applikant/a trid tasal għand id-Direttur (*Resourcing), Management and Personnel Office*, Uffiċċju tal-Prim Ministru, Berġa ta' Kastilja, Valletta, mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-*fax* tad-Dipartiment riċeventi huwa + 356 22001309.

17. (a) Tingħata riċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal bl-idejn għand id-Direttur *(Resourcing*).

(b) Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data tal-għeluq. Id-Direttur (*Resourcing*) jibgħat iriċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

Id-19 ta' Diċembru, 2008

website at address: - http://www.mpo.gov.mt, as well as the conditions stipulated in the Agreement regulating their engagement.

12. Selected applicants will be medically examined to ascertain that they are fit for the positions.

13. Some of the positions may be co-financed by the technical assistance budgets of the 2007 – 2013 EU Cohesion Policy Funds' Programmes.

14. Application forms may be downloaded from the following websites:-

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf

http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf

or obtained from the Director (Resourcing), Management and Personnel Office, Office of the Prime Minister, Auberge de Castille, Valletta.

15. Applications, together with a curriculum vitae including qualifications and experience, will be received in the first instance by the Director (Resourcing), Management and Personnel Office, Office of the Prime Minister, Auberge de Castille, Valletta by not later than noon (Central European Time) of Friday, 16th January 2009.

16. Applications received from abroad through a fax or other similar message by noon (Central European Time) of Friday, 16th January 2009 may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Director (Resourcing), Management and Personnel Office, Office of the Prime Minister, Auberge de Castille, Valletta by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax number of the receiving Department is + 356 2200 1309.

17. (a) Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Director (Resourcing), and a receipt will be given in hand at the time of delivery.

(b) Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Director (Resourcing) within seven (7) days.

19th December, 2008

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Post ta' *Consultant Paediatrician with an interest in Gastroenterology and Hepatology* fil-Ministeru għall-Politika Soċjali (Dipartiment tas-Saħħa)

Skond klawsola 3.1 tal-Ftehim Kollettiv kurrenti, nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet mingħand *medical practitioners* bi kwalifiki adattati u b'esperjenza għal post ta' *Consultant Paediatrician with an interest in Gastroenterology and Hepatology* fil-Ministeru għall-Politika Soċjali (Dipartiment tas-Saħħa).

2. Il-ħatra tkun skond il-provvedimenti tal-*collective agreement* bejn il-Gvern u l-Union.

3.1. Il-ħatra li tkun bi prova għal sena, hija *full-time* u taqa' taħt ir-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta u fil-Ministeru għall-Politika Soċjali (Dipartiment tas-Saħħa). Il-persuna nominata tista' tiġi trasferita skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

3.2. Il-persuna nominata trid tagħżel bejn kuntratt A jew B mal-ħatra tagħha. Hi tkun intitolata għall-benefiċċji u soġġetta għall-kundizzjonijiet u obbligi li huma mniżżlin fi kwalunkwe ftehim rilevanti li japplika bejn il-Gvern u l-Union kompetenti.

4.1. Il-persuna fil-grad ta' *Consultant Paediatrician* tifforma parti mid-Dipartiment tal-Pedjatrija u taqa' taħt il-*Clinical Chairperson* tad-Dipartiment tal-Pedjatrija. Hi tkun meħtieġa li tieħu sehem fl-attivitajiet u fil-programmi tat-tagħlim tad-Dipartiment tal-Pedjatrija.

4.2. Il-persuna nominata tkun responsabbli li tipprovdi servizz dijanjostiku u terapewtiku speċjalizzat ta' livell għoli fil-Pedjatrija kif ukoll, b'kollaborazzjoni sħiħa mad-Dipartiment tal-Medicina, servizzi lill-adolexxenti fil-*Gastroenterology and Hepatology,* fl-Isptar Mater Dei, fl-isptarijiet oħra u fis-servizzi tas-saħħa pprovduti mill-Gvern skond il-*policy* tal-Ministeru għall-Politika Soċjali (Dipartiment tas-Saħħa). Dan jinkludi:

(a) Provvediment ta' servizz ta' konsulenza, fl-*outpatient* u fl-*inpatient,* lill-pazjenti mibgħuta mill-*general practitioners* u konsulenti oħra tal-isptar fil-*Paediatric and Adolescent Gastroenterology and Hepatology.*

(b) Provvediment ta' servizz ta' konsulenza u ta' *referral* li jikkoordinaw kura interdixxiplinarja ta' tfal, żgħażagħ u

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Post of Consultant Paediatrician with an Interest in Gastroenterology and Hepatology in the Health Division within the Ministry for Social Policy

I*n accordance with clause 3.1 of the current Collective Agreement, nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.*

The Public Service Commission invites applications from suitably qualified and experienced medical practitioners for the post of Consultant Paediatrician with an interest in Gastroenterology and Hepatology in the Ministry for Social Policy (Health).

2. The appointment shall be made in accordance with the provisions of the collective agreement between Government and the Union.

3.1. The appointment, which is subject to a probationary period of one year, is on a full-time basis and is subject to any rules governing from time to time the Malta Public Service and the Ministry for Social Policy (Health). It involves liability to transfer according to the exigencies of the Malta Public Service.

3.2. The appointee shall choose between contract types A or B on his/her appointment. He/She will be entitled to such benefits and subject to such conditions and obligations as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government and the competent Union.

4.1. The Consultant Paediatrician will form part of the Department of Paediatrics and will be directly accountable to the Clinical Chairperson of the Department of Paediatrics. He/She will be expected to take part in the activities of the Department of Paediatrics and in its teaching programmes.

4.2. The appointee will be responsible to provide a high standard of specialist diagnostic and therapeutic service in Paediatrics and in Gastroenterology and Hepatology addressing the needs of children as well as adolescents, the latter in collaboration with the Department of Medicine,in Mater Dei Hospital, other hospitals and the Health Services provided by the Government within the policy of the Ministry for Social Policy (Health). This will include:

(a) Provision of a consultancy service, both outpatient and inpatient, to referrals from general practitioners and other hospital consultants in Paediatrics and adolescent Gastroenterology and Hepatology.

(b) Provision of a referral and consultancy service coordinating interdisciplinary care of children, adolescents

adulti żgħar b'*inflammatory bowel disease, coeliac disease* u *functional abdominal disorders*.

(ċ) Provvediment ta' servizz ta' konsulenza u ta' *referral* li jimmaniġġjaw il-*gastroenterology-nutritional needs* tat-tfal u żgħażagħ li għandhom *short-bowel syndrome*.

(d) Provvediment ta' servizz ta' konsulenza u ta' *referral* lil tfal u żgħażagħ fil-isptar u fil-komunità li jkollhom ħtieġa ta' *total parenteral nutrition* u dan b'konsultazzjoni u kollaborazzjoni mas-servizzi ta' *clinical nutrition* u *dietetics*.

(e) Proċeduri dijanjostiċi u terapewtiċi speċjalizzati tal-*gastroenterology* u *endoscopy* inkluż *percutaneous endoscopic gastrostomy tube placement, liver biopsy, pH probe placement* u *interpretation*.

(f) Sehem fit-tkabbir u żvilupp aktar tas-servizzi għal tfal u adolexxenti fil-*Gastroenterology and Hepatology*.

(g) Żvilupp ta' *outpatient clinics* flimkien ma' speċjalitajiet oħra inkluż *adult gastroenterology* kif meħtieġ.

(h) Żvilupp u implimentazzjoni ta' pjan ta' transizzjoni ta' kura ta' pazjenti li għandhom *paediatric gastroenterology disorders* u li waslu biex isiru adulti.

(i) Twaqqif ta' mekkaniżmu xieraq biex jassigura kwalità fis-servizz u verifika medika.

(j) Koordinazzjoni mill-qrib mas-servizzi tal-kirurġija tat-tfal biex il-*paediatric gastroenterological surgical interventions* jagħtu l-aħjar riżultati.

4.3 Il-persuna nominata trid tipprovdi pariri tekniċi dwar l-aspetti kliniċi tal-problemi tal-obesità fit-tfal u l-adolexxenti.

4.4. Il-persuna nominata tkun trid tfassal u tmexxi riċerka klinika dwar l-*gastrointestinal disorders* inkluż epidemjoloġija, analiżi ta' riżultati u ġenetika b'koordinazzjoni mad-Dipartimenti tal-Mediċina u tal-Kirurġija partikularment fil-*gastroenterology subspecialities* ta' dawn id-dipartimenti.

4.5. Il-persuna nominata tkun meħtieġa li tagħmel regolarment sessjonijiet speċjalizzati fiċ-Ċentri tas-Saħħa indirizzati lejn tfal u adolexxenti bi problemi serji ta' obesità u sessjonijiet oħra li jistgħu jkunu meħtieġa skond programmi approvati dwar kura fil-komunità u tista' wkoll tkun meħtieġa li tagħti servizz f'xi estensjoni futura oħra ta' servizz tas-saħħa kif provdut taħt Skema Nazzjonali komprensiva tas-Saħħa.

and young adults with inflammatory bowel disease, coeliac disease and functional abdominal disorders.

(c) Provision of a referral and consultancy service managing the gastroenterology-nutritional needs of children and adolescents with short-bowel syndrome.

(d) Provision of a referral and consultancy service to children and adolescents requiring total pareneteral nutrition as in-patients or in the community in collaboration with Clinical Nutrition and Dietetician services.

(e) Carrying out of specialized diagnostic and therapeutic gastroenterological and endoscopic procedures including percutaneous endoscopic gastrostomy tube placement, liver biopsy, pH probe placement and interpretation.

(f) Participation in the expansion and further development of the Gastroenterology and Hepatology services within the Department of Paediatrics.

(g) Development of joint outpatient clinics with other specialties including adult gastroenterology as required.

(h) Development and implementation of a transition of care plan between paediatric subspecialty and adult subspecialty care of patients with paediatric gastroenterology disorders reaching adulthood.

(i) Establishment of appropriate mechanisms to ensure quality of service and medical audit.

(j) Close liaison with paediatric surgery services in order to optimize outcomes of paediatric gastroenterological surgical interventions.

4.3 The appointee shall provide technical advice on the clinical aspects of obesity in childhood and adolescence.

4.4. The appointee may be required to design and conduct clinical research pertaining to gastrointestinal disorders including epidemiology, outcomes analysis and genetics in liaison with Departments of Medicine and Surgery, particularly with their adult gastroenterology sub-specialities.

4.5. The appointee shall hold specialised clinics in obesity for children and adolescents in the Health Centres and may be required to hold other regular specialised clinics in the Health Centres in accordance with approved community care programmes and may also be required to provide service in any future extension of health services as provided under a comprehensive National Health Scheme.

4.6. Meta l-persuna nominata tkun *Admitting Consultant* (fuq xogħol) tista' tkun meħtieġa li tattendi għall-ħtiġiet tal-pazjenti skond l-esiġenzi tas-servizz. Hi għandha, dakinhar filgħaxija, iddur is-sala biex taċċerta, sakemm hu prattikabbli, li kull dħul ta' emerġenza li jsir wara nofsinhar u kmieni filgħaxija jiġi eżaminat minnha fl-istess ġurnata tad-dħul.

4.7. Il-persuna nominata trid tassigura li l-kura tal-pazjent tkun fl-ogħla livell possibbli b'attenzjoni speċjali li x-xogħol isir b'mod xieraq, fil-ħin u b'kontinwita, inkluż kontinwità b'*medical records* miżmuma tajjeb u li faċilment jinstabu kif ukoll b'*discharge summaries* li jsiru fil-ħin.

4.8 Il-persuna nominata tkun responsabbli li taċċerta li d-dixxiplina u l-prattika fis-sala (inklużi l-aspetti tal-iġjene) li jaffettwaw il-pazjenti taħt il-kura tagħha, ikun tal-ogħla livell possibbli.

4.9 Il-persuna nominata tkun responsabbli li taċċerta t-twettiq ta' programm kontinwu ta' taħriġ u edukazzjoni għall-i*staff* li jieħu ħsieb il-pazjenti taħt il-kura tagħha.

4.10 Il-persuna nominata tieħu sehem fit-tagħlim u taħriġ ta' studenti ta' qabel u ta' wara l-gradwazzjoni kif meħtieġ.

4.11. Il-persuna nominata flimkien mal-konsulenti l-oħra fl-ispeċjalità trid tressaq rapport annwali fuq il-ħidma tat-taqsima lill-*Clinical Chairperson* tad-Dipartiment tal-Pedjatrija.

4.12 Il-persuna nominata tkun trid tagħmel użu mis-sistemi tat-Teknoloġija tal-Informatika li jkunu qed jintużaw fil-Ministeru għall-Politika Soċjali (Dipartiment tas-Saħħa).

5. Sal-ħin u d-data ta' l-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom:

a) (i) ikunu ċittadini ta' Malta;

JEW

(ii) ċittadini ta' Stat ieħor Membru tal-Unjoni Ewropea;

JEW

(iii) ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni (f'każ ta' diffikultà l-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-UE);

JEW

(iv) il-konjugi u tfal, anki jekk huma ċittadini ta' pajjiż

4.6. When the appointee is the Admitting Consultant (on call) he/she may be required to attend to the needs of patients according to the exigencies of the service. He/She is to perform an evening ward round on that date with a view to ensuring, as far as it is reasonably practicable, that emergency admissions in the afternoon and early evening are seen by him/her on the same day of admission.

4.7. The appointee shall ensure the highest possible level of patient care with special attention to appropriateness, timeliness and continuity (including continuity through well maintained and easy-to-follow medical records and timely discharge summaries).

4.8. The appointee shall be responsible to ensure that ward discipline and practice (including aspects of hygiene) affecting patients under his/her care are of the highest possible level.

4.9. The appointee shall be responsible to ensure the implementation of an on going/continuing training and education programme in respect of the staff caring for the patients under his/her charge.

4.10. The appointee will participate in undergraduate and postgraduate teaching and training as required.

4.11. The appointee together with other consultants in the specialty shall present an annual report on the working of the unit to the Clinical Chairperson of the Department of Paediatrics.

4.12. The appointee will be required to make use of the Information Technology systems which may be in operation within the Ministry for Social Policy (Health).

5. By the closing time and date of this call for applications, applicants must:

a) (i) be citizens of Malta;

OR

(ii) citizens of another European Union Member State;

OR

(iii) citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (in case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply);

OR

(iv) the spouse and children, even if they are third country

terz, ta' dawk il-persuni msemmija f'(i), (ii) u (iii) hawn fuq, sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skond leġiżlazzjoni eżistenti. Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur, Dipartiment tac-Ċittadinanza u *Expatriates,* Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(ii), (iii) u (iv) hawn fuq hija soġġetta għall-ħruġ ta' liċenza tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn din hija meħtieġa skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja.

b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-Lingwa Maltija u bil-Lingwa Ingliża;

ċ) ikollhom Liċenza biex jipprattikaw il-Professjoni Medika f' Malta;

d) (i) Ikollhom Ċertifikat maħruġ mill-i*Specialist Accreditation Committee* ta' Malta li t-taħriġ fil-*Paediatrics* huwa komplut;

JEW

(ii) ikollhom isimhom imniżżel fil-*Paediatrics Specialist Register;*

JEW

(iii) ikunu approvati li isimhom jitniżżel fil-*Paediatrics Specialist Register;*

e) ikollhom sentejn *full-time* esperjenza bħala speċjalisti fil-*Paediatrics*;

f) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47), filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew Awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati mal-Gvern Malti, u jagħtu d-dettalji).

6. Applikazzjonijiet jintlaqgħu wkoll mingħand kandidati li m'għandhomx is-sentejn *full-time* esperjenza bħala speċjalisti fil-*Paediatrics* kif indikat f'paragrafu 5(e) bil-kundizzjoni li jissodisfaw il-kundizzjonijiet imsemmija f'paragrafi 5(a) (b) (c) u (d). Jekk ħadd mill-kandidati ma jissodisfa il-kundizzjoni ta' paragrafu 5(e), dan l-istess paragrafu 5(e) ma jkunx ikkunsidrat għall-kandidati kollha. Iżda, jekk saħansitra wieħed/waħda mill-kandidati jissodisfa/tissodisfa il-kundizzjoni ta' paragrafu 5(e), din l-istess kundizzjoni tiġi mitluba mingħand l-applikanti l-oħra kollha.

7.1. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil

nationals, of any person mentioned at (i), (ii) and (iii) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of the Director, Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry of Foreign Affairs.

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

b) have the ability to communicate in the Maltese and English Languages;

c) be in possession of a Licence to practise the Medical Profession in Malta;

d) (i) be in possession of certificate of completion of training in Paediatrics by the local Specialist Accreditation Committee;

OR

(ii) inclusion in the Paediatrics Specialist Register;

OR

(iii) be approved for inclusion in the Paediatrics Specialist Register;

e) have two years full time experience as a specialist in Paediatrics;

f) be of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP47); Those applying from outside the Malta Public Service must produce a recent certificate of conduct issued by the Police or other competent Authority not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in the Maltese Government Service giving details).

6. Applications will also be considered from candidates who are not in possession of two years full-time experience as specialists in Paediatrics as indicated in paragraph 5(e) provided they satisfy the requirements stated in paragraphs 5 (a), (b), (c) and (d). If none of the candidates satisfies the provisions of paragraph 5(e) then the said paragraph 5(e) will be considered as waived for all candidates. If, however, even only one candidate satisfies the provisions of paragraph 5(e), then such provisions will be required also from all other candidates.

7.1. Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given

raġonevoli' skond l-Artikolu 7 tal-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri tal-eliġibbiltà għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-Management and Personnel Office u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

7.2. Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni tal-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha tal-eliġibilità u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lill-Ministeru għall-Politika Soċjali (Dipartiment tas-Saħħa) u tkun ikkupjata lill-KNPD.

8.1. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti, illi kopja tagħhom għandha tkun jew mehmuża mal-applikazzjoni jew jintbagħtu separatament lill-Ministeru għall-Politika Soċjali (Dipartiment tas-Saħħa), konċernat mhux aktar tard minn għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-għeluq. Kopji mgħoddija bl-i*scanner* huma aċċettabbli.

8.2. Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

8.3. Hijar-responsabbiltà ta' applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet barranin/istituzzjonijiet terzjarji, li juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-komparabbiltà ta' kwalifiki maħruġa mill-*Malta Qualifications Recognition Information Centre* (*MQRIC*) fil-Ministeru tal-Edukazzjoni, Kultura, Żgħażagħ u Sport jew l-awtorità kompetenti, skond il-każ, liema dikjarazzjoni għandha tiġi mehmuża mal-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx din id-dikjarazzjoni jkunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibagħtu kopja tad-dikjarazzjoni, maħruġa mill-awtorità pertinenti, lid-dipartiment riċeventi kif tkun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, mhux aktar tard minn xahar mid-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

9.1. Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għall-post.

9.2. Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tar-riżultat.

10. Il-persuna magħżula tkun trid toqgħod għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li hija adatta għal dan il-post.

reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, Cap. 413, even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

7.2. Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Ministry for Social Policy (Health) and copied to the NCPD.

8.1. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which should either be attached to the application or sent separately to the Ministry for Social Policy (Health) by not later than ten (10) working days from the closing date. Scanned copies sent electronically are acceptable.

8.2. Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

8.3. It is the responsibility of applicants, in possession of qualifications awarded by foreign Universities/tertiary education institutions, to produce a recognition statement on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education, Culture, Youth and Sport or the designated authority, as applicable, which statement should be attached to the application and the original presented at the interview. Candidates not in possession of this statement may still apply, provided that they submit a copy of the statement, issued by the pertinent authority, to the receiving department as soon as available and, in any case, by not later than one month from the closing date of the call for applications.

9.1. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post.

9.2. Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of the result.

10. The selected applicant will be medically examined to ascertain that he/she is fit for the post.

11. Il-formoli tal-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment
jew jinkisbu mit-Taqsima tal-Impjegati (Dipartiment tas-Saħħa), 6, Sqaq Harper, il-Furjana.

12. L-applikazzjonijiet flimkien ma' *curriculum vitae* li għandha tinkludi kwalifiki u esperjenza u l-ismijiet ta' żewġ *referees* jintlaqgħu primarjament mill-Assistent Direttur, Riżorsi Umani (Dipartiment tas-Saħħa), 6, Sqaq Harper, il-Furjana, mhux aktar tard min-nofsinhar (*Central European Time*) ta' nhar il-Ġimgħa, 16 ta' Jannar 2009.

13. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sa nofsinhar (*Central European Time)* ta' nhar il-Ġimgħa, 16 ta' Jannar 2009 jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant/a trid tasal għand il-Ministeru għall-Politika Soċjali (Dipartiment tas-Saħħa) mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numri tal-*fax* tal-Ministeru għall-Politika Soċjali (Dipartiment tas-Saħħa) huma +356-21226285 u +356 - 21235890.

14. Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal sal-Ministeru għall-Politika Soċjali (Dipartiment tas-Saħħa). Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data tal-għeluq. Il-Ministeru għall-Politika Soċjali (Dipartiment tas-Saħħa) jibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

Id-19 ta' Diċembru, 2008

KULLEĠĠ MALTI TAL-ARTI, XJENZA U TEKNOLOĠIJA (MCAST)

Vakanzi

Il-Kulleġġ Malti tal-Arti, Xjenza u teknoloġija (MCAST) (MCAST) jinħtieġlu jimla l-post ta':

EU Projects Co-ordinator (Permess tal-ETC 169/2008)

Dak li jintgħażel ikun parti minn tim responsabbli biex ifittxu proġetti mill-UE u proġetti oħra. Min jintgħażel ikun meħtieġ li kontinwament joqgħod attent għal proġetti ffinanzjati mill-UE u proġetti oħra, jagħmel il-preparamenti loġistiċi u jgħin lid-diversi Project Leaders fi ħdan l-MCAST bil-preparazzjoni ta' proposti, identifikazzjoni ta' msieħba u implimentazzjoni tal proġetti.

11. Application forms may either be downloaded from the following websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment
or obtained from the Personnel Section (Health), 6, Harper Lane, Floriana.

12. The prescribed application forms, together with a curriculum vitae indicating qualifications and experience and the names of two referees, will be received in the first instance by the Assistant Director, Human Resources (Health), 6, Harper Lane, Floriana by not later than noon (Central European Time) of Friday, 16th January 2009.

13. Applications received from abroad through a fax or other similar message by noon (Central European Time) of Friday, 16th January 2009 may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Ministry for Social Policy (Health) by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax numbers of the receiving Division are +356 – 21226285 and +356 - 21235890.

14. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Ministry for Social Policy (Health) and a receipt will be given in hand at the time of delivery. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Ministry for Social Policy (Health) within seven days.

19th December, 2008

MALTA COLLEGE OF ARTS, SCIENCE AND TECHNOLOGY (MCAST)

Vacancies

The Malta College of Arts, Science and Technology (MCAST) is seeking to fill the post of:

EU Projects Co-ordinator (ETC Permit 169/2008)

The successful candidate will be part of a new team responsible to hunt for EU and other projects. The selected candidate will be expected to continuously scan for EU and other funded projects, making all the logistical preparations and assisting the various Project Leaders within MCAST with the preparation of proposals, identification of partners and implementation of projects.

Min jintgħażel għandu jkollu:

L-ewwel *degree* relatata mal-*business* jew *management*;
Ikollhom tal-anqas 5 snin esperjenza fil-project management u/jew kordinazzjoni u;
Ikunu familjari sew mal ERDF, ESF u programmi u inizjattivi oħra.

Il-kandidat magħżul ikun mistenni li:

Jagħmlu riċerka fuq u jagħrfu progammi, inizjattivi u msieħba potenzjali tal-UE u jibqgħu jsegwu b'mod attiv l-applikazjonijiet;
Jikkordinaw u jimmonitorjaw it-tlestija tal-proġetti ESF u ERDF u jżommu records preċiżi tal-proġetti kollha.

Kandidati prospettivi huma mistiedna biex jibagħtu l-formola tal-applikazzjoni tal-Kulleġġ mimlija, flimkien mal-history sheet tal-impieg tagħhom li tinkiseb mill-ETC, mhux aktar tard minn nofsinhar tat-Tnejn, il-5 ta' Jannar 2009.

L-applikazzjonijiet, li jistgħu jinkisbu online u mir-Reception tal-Bini tal-Amministrazzjoni tal-MCAST, għandhom ikunu indirizzati lil: L-Uffiċjal Amministrattiv Prinċipali, Bini tal-Amministrazzjoni, MCAST Main Campus, It-Telgħa ta' Kordin, Paola PLA 9032.

Applikazzjonijiet li jaslu tard jew li ma jkunux mimlija ma jiġux aċċettati.

Id-19 ta' Diċembru, 2008

The successful candidate must be in possession of:

A business or a management related first degree;
Have a minimum of 5 years experience in project management and/or coordination and;
Be fully familiar with ERDF, ESF and other programmes and initiatives.

The selected candidate will be expected to:

Research and identify EU programmes, initiatives and potential partnerships and actively follow up applications;
Coordinate and monitor the successful completion of ESF and ERDF projects and maintain accurate records of all projects.

Prospective candidates are invited to submit the completed College application form, together with their employment history sheet obtainable from the ETC, by not later than Monday, 5th January 2009 at noon.

Applications, which are available online and from the Reception at MCAST Administration Building, are to be addressed to: The Chief Administration Officer, Administration Building, MCAST Main Campus, Corradino Hill, Paola PLA 9032.

Late and incomplete applications will not be considered.

19th December, 2008

KULLEĠĠ MALTI TAL-ARTI, XJENZA U TEKNOLOĠIJA

Vakanza

Il-Kulleġġ Malti tal-Arti, Xjenza u Teknoloġija (MCAST) jinħtieġlu jimla l-vakanza ta:

Support Team Members (Permess tal-ETC Nru. 22/2008)

Jirraporta lid-Deputat Prinċipal (*Quality Assurance, Academic and Student Services*), is-*Support Team Members* ikunu responsabbli minn dmirijiet amministrattivi u ta' tmexxija u jikkordina x-xogħol ta' *Learning Assistants (Facilitators)* fi ħdan Inclusive Education Unit (IEU) fl-MCAST.

Il-kandidati li jintagħżlu għandu jkollhom:

Degree B.Ed jew l-ewwel *degree* bi kwalifika ta' PGCE/MCAST Vocational Teacher Training u
Tal-inqas tliet (3) snin esperjenza fit-tagħlim/*lecturing* preferibbilment ma' studenti li għandhom ħtiġiet ta' tagħlim.

MALTA COLLEGE OF ARTS, SCIENCE AND TECHNOLOGY

Vacancies

The Malta College of Arts, Science and Technology (MCAST) is seeking to fill the vacancies of:

Support Team Members (ETC Permit No. 22/2008)

Reporting to Deputy Principal (Quality Assurance, Academic and Student Services), the Support Team Members will be responsible for the administrative and management duties to coordinate the work of the Learning Assistants (Facilitators) within the Inclusive Education Unit (IEU) at MCAST.

The successful candidates must be in possession of:

A B. Ed degree or a first degree with PGCE/MCAST Vocational Teacher Training qualification and
At least three (3) years teaching/lecturing experience preferably with students who have learning needs.

Il-kandidati li jintagħżlu huma mistennija li:

Jikkordinaw it-*timetabes* ta' *lectures* u pjanijiet ta' tagħlim tal-istudenti li jgawdu mis-servizzi ta' *Learning Assistants* fl-Istituti kollha tal-MCAST;

Jiżviluppaw sillabi ta' studenti b'diffikultajiet ta' tagħlim u jassistu *Learning Assistants* fil-qdi sewwa ta' dmirijiethom;

Jieħdu sehem fid-dmirijiet ta' Learning *Assistants*;

Isiru laqgħat u jiġu diskussi temi relatati ma' tagħlim ta' studenti tal-IEU, joffru soluzzjonijiet prattiċi u individwali għall-ħtiġiet ta' tagħlim individwali;

Jipparteċipaw f'attivitajiet ta' żvilupp professjonali skond l-għanijiet tal-MCAST; u

Iżommu *records* tal-progress, kisbiet u ħtiġiet ta' studenti tal-IEU.

Lecturing Staff fil-qasam li ġej: *Literacy* (Permess tal-ETC Nru. 244 /2008)

Kandidati prospettivi huma mistiedna jissottomettu l-formola tal-applikazzjoni tal-Kulleġġ, flimkien mal-*history sheet* tal-impieg tagħhom li tinkiseb mill-ETC, mhux aktar tard minn nofsinhar tat-Tnejn, 22 ta' Diċembru 2008 f'nofsinhar. Applikazzjonijiet, li jinkisbu *online* u mir-*Reception* tal-Bini tal-Amministrazzjoni tal-MCAST, għandhom ikunu indirizzati lill-Uffiċjal Amministrattiv Ewlieni, Bini tal-Amministrazzjoni, MCAST Main Campus, it-Telgħa ta' Kordin, Raħal Ġdid PLA 9032.

Applikazzjonijiet li jaslu tard jew li ma jkunux mimlija kif suppost ma jiġux ikkunsidrati.

Id-19 ta' Diċembru, 2008

The selected candidates will be expected to:

Coordinate the timetabling of lectures and individual learning plans of students benefitting from the services of Learning Assistants in all MCAST Institutes;

Develop the syllabuses of students with learning difficulties and support Learning Assistants in carrying out their duties efficiently;

Partake in the duties of Learning Assistants;

Meet and discuss issues related to lecturing IEU students, offering practical and individual solutions to individual learning needs;

Participate in professional development activities according to MCAST policy; and

Keep records of IEU students' progress, achievement and needs.

Lecturing Staff in the following area: Literacy (ETC Permit No. 244 /2008)

Prospective candidates are invited to submit the completed College application form, together with their employment history sheet obtainable from the ETC, by not later than Monday, 5th January 2009 at noon. Applications, which are available online and from the Reception at MCAST Administration Building, are to be addressed to: The Chief Administration Officer, Administration Building, MCAST Main Campus, Corradino Hill, Paola PLA 9032.

Late and incomplete applications will not be considered.

19th December, 2008

MINISTRY OF FOREIGN AFFAIRS

Scholarships at the College of Europe, Bruges 2009/2010
(for Maltese citizens only)

The Government of Malta is offering scholarships for academic year 2009/2010 tenable at the College of Europe, Bruges (Belgium) to enable students to participate in one of the following areas of specialisation:-

MA in European Economic Studies,
MA in European Legal Studies,
MA in European Political and Administrative Studies or
MA in EU International Relations and Diplomacy Studies

The scholarships cover one academic year commencing September 2009 and ending June 2010.

